**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A27-09

11 ta' Frar 2009

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/27**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ħamis 12 ta' Frar 2009, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Mozzjoni
6. Approvazzjoni tal-*Half Yearly Report* u t-*Trial Balance* t'Ottubru 2009
7. Approvazzjoni tal-*Performance Bonus*
8. *Tender for the Upgrading Works at Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira* – Diskussjoni u approvazzjoni
9. Affarijiet oħra
10. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

26 ta' Marzu 2009

Ref Nru.Klg5/027

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/27 li saret il-Ħamis 12 ta' Frar 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

Preżenti

Seba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri, Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.
Attenda għall-parti mill-laqgħa, l-Perit tal-Kunsill, Joe Bugeja.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-11 ta' Frar 2009

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 29 ta' Jannar 2009, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Paġna Nru: 2 para 2.1. minflok il-kelma 'żmien' trid tinbidel u ssir *'snin'*

**1.3.** Paġna Nru: 3 para 2.4. wara l-kliem 'ġie deċiż li l-Viċi-Sindku' il-frażi trid tkompli 'flimkien mall-Kunsillier Joe Camilleri għandhom ikellmu lid-ditta *Dahlia Real Estate Services*'.

Dawn il-korrezzjonijiet tressqu mill-Viċi-Sindku ssekondati mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Wara diskussjoni qasira l-minuti kif emendati, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Dunstan Attard.

**2. Materji Konnessi**

**2.1. Paġna Nru: 2 para 2.4. –** Il-Kunsill ġie nfurmat li sa dak in-nhar, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Joe Camilleri kienu għadhom ma marux ikellmu lid-ditta *Dahlia Real Estate Services*.

**2.2. Paġna Nru: 3 para 2.6. – *Accountant* Mario Magro Conti**

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien għadu ma bagħat ebda risposta rigward is-suġġett hawn fuq sopraċitat.

Wara diskussjoni qasira, fejn fost affarijiet oħra l-Viċi-Sindku qal, li din kienet materja serja minħabba l-fatt, li fi żmien qarib il-Kunsill kien ser ikollu l-*Audit*, ġie deċiż, li ċ-*Chairman* kellu jkellem lid-Direttur tad-Dipartiment hawn fuq imsemmi, s-Sur Natalino Attard u l-Kunsill kellu jippubblika l-*Expression of Interest*.

**2.3.** Rigward is-C*entral Strip* fix-Xatt, il-Perit kien ikkonferma u ċċertifika x-xogħlijiet u bagħat kollox lill-U.I.F. Il-Kunsill kien għadu qed jistenna l-ħlas mill-U.I.F.

**2.4. Paġna Nru: 9 para 10.3.** rigward il-*gravel* tas-*Central Strip*, il-Kunsill kien għadu ma rċieva ebda risposta mill-*Environmental Landscapes Consortium* jekk l-ammont ta' madwar €2,200 kienx ser jorħos.

Il-Kunsillier Anthony Abela ppropona, li jekk kemm –il darba l-prezz jibqa għoli, dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema ta' l-I.P.S.L. li jkunu sorveljati mill-Gwardjan Lokali.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' dak li ppropona l-Kunsillier Anthony Abela.

**2.5. Paġna Nru: 3 para 2.5**

Iċ-*Chairman* qal, li s-seduta fl-atti ta' l-arbitraġġ ġiet diferrita għas-16 ta' Frar 2009.

**2.6.** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont ir-*recording* tal-laqgħa li saret fis-27 ta' Novembru 2008, kienet ġiet diskussa wara siegħa u sitta u ħamsin minuta, l-materja għat-talba tal-Perit J. Zerafa Boffa dwar il-*Kiosk* fill-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-12 ta' Frar 2009 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Tressqu erba' *claims* biex jiġu rimborżati dwar ħsarat li ġarrbu vetturi minħabba *potholes* fit-toroq Reggie Miller u x-Xatt għalkemm rapport ta' *claim* minnhom kien qed jirreferi għax-Xatt tas-Sliema.

Wara diskussjoni qasira, ġie stabbilit li l-Kunsill jibqa' jaddotta l-*policy* li kien ha f'każijiet preċedenti jiġifieri, li ma jilqax *claims* ta' din ix-xorta jekk l-ewwel ma jiġux suffiċent pruvati mill-Qorti.

**3.4.** Tressqet kopja ta' l-ittra li għandha tintbagħat lil kull min għandu *bins on wheels* f'din il-lokalita' biex wieħed jara li kien inregola ma' l-*Legal Notice* 125/1993 maħruġa mill-Ministeru ta' l-Agrikultura u Sajd.

Iċ-*Chairman* qal, li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**3.5.** Rigward ittra mibgħuta mill-*Lands Department* datata 5 ta' Frar 2009, dwar jekk il-Kunsill jistax jistabbilixxi jekk is-sit quddiem il-Petit Paradis – 143 Triq ix-Xatt Gżira kienx jintuża biex jitpoġġew mwejjed u siġġijiet bejn Jannar 2001 sa Diċembru 2008, il-Kunsill għandu jinforma li ma kienx f'pożizzjoni li jikkonferma dan il-każ.

**3.6.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela dwar il-kwotazzjoni mibgħuta mill-*Cleansing Services Department* dwar kostruzzjoni ta' *manhole* ġdida inkluż żewġ *iron grates* taħt il-bankina fi Triq ix-Xatt għall-ammont ta' €377.60.

Iċ-*Chairman* talab biex tiġi diskussa Item Nru: 8 ta' l-Aġenda ***Tender for the Upgrading Works at Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira*** **– Diskussjoni u Approvazzjoni** minħabba li kien wasal il-Perit tal-Kunsill.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**8. *Tender for the Upgrading Works at Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira* – Diskussjoni u Approvazzjoni**

**8.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienu saru l-laqgħat maż-żewġ sottomettenti li kienu *V & C Contractors Ltd* u *Road Maintenance Services Ltd* u li kopja tal-minuti kienet intbagħtet ma' l-Aġenda.

Il-Perit qal, li ż-żewġ sottomettenti (*V&C Contractors u Road Maintenance Services*) ma sabu ebda oġġezzjoni għall-modifiki/varjazzjonijiet u t-tlett *tenderers* kienu bagħtu l-*breakdown* ta' punt 1.03 u 1.06 tal-*B.O.Q.* kif kien mitlub fil-laqgħa preċedenti.

Huwa kompla jgħid, li *V&C Contractors* taw interpretazzjoni għolja f'punt 1.03 minħabba li l-wiċċ ta' l-asfalt kien impenġi bl-aħmar u dan ġie nterpretat li l-kulur jsir mat-taħlita mentri, r-rata tas-Sejħa għall-Offerti, kellha ssir skont il-*B.O.Q.* u jekk kien hemm xi dubju, dan kellu jiġi kjarifikat qabel ma jissottometti l-offerta. Huwa żied jgħid, li dan il-kuntrattur għandu element qawwi wkoll ta' labour li meta jitqabbel mas-sottomettenti l-oħra, r-*ratio* ikun ta' 5-1 u spejjeż tal-*plant.*

Il-Perit qal, li dan kien l-aktar wieħed għoli għax f'kull *item* kien hemm differenza sostanzjali u kien fl-interess tas-sottomettent li jikwota bi prezz baxx dak mitlub mill-Kunsill kif ukoll, għar-referenza tad-ditta *V&C Contractors* li ssottomettew ir-rata tal-*coloured concrete* skont id-deskrizzjoni tal-pjanta annessa, hu kkonferma li fl-aħħar mill-aħħar, il-*B.O.Q.* kien il-*binding document* bi speċifikazzjonijiet li kienu ċari u li abażi tagħhom, is-sottomettenti kellhom jagħtu r-rati.

Iċ-*Chairman* qara ż-żewġ rapporti mħejjija mill-Perit fejn *V & C Contractors Ltd* kien jista' jibda' x-xogħol fi żmien ġimgħa filwaqt li r-*Road Maintence Services Ltd* seta' jibda fi żmien ħmistax –il ġurnata. Id-ditta *Polidano Bros* ukoll, setgħet tibda x-xogħol fi żmien ħmistax –il ġurnata.

Il-Kunsillier Ian Micallef daħal għall-laqgħa fis-6.00 p.m.

Għaldaqstant, il-Perit reġa' ta rendikont ta' dak kollu li kien intqal għall-benefiċċju tal-Kunsillier hawn fuq imsemmi u rigward *V&C Contractors* qal, li minħabba li tpinġija kienet bl-aħmar, setgħa kien hemm l-impressjoni li l-kulur kellu jkun mat-taħlita mentri fil-*B.O.Q.* il-wiċċ biss kellu jkun ta' dan il-kulur.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li s-sottomettent *V & C Contractors Ltd* ma kienx korrett meta kwota li l-kulur aħmar jsir mat-taħlita meta l-*Bill of Quantities* kien biss għall-wiċċ filwaqt li ż-żewġ sottomettenti l-oħra fehmu sewwa dak li ntalab fit-*tender*. Huwa staqsa jekk kienux ser isiru testijiet.

Il-Perit wieġeb li testijiet kienu ser isiru u f'dan l-istadju, xtaq jiddikjara li t-tifel tiegħu kien il-*major shareholder* ta' waħda mill-kumpaniji li tagħmel dawn it-tipi ta' testijiet.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li t-testijiet jkunu prova ta' dak li jkun ġie ordnat mill-Kunsill.

Iċ-*Chairman* qal, li għandu jkun hemm sorveljanza fuq ix-xogħol u l-istess kumitat li aġġudika din it-*tender* għandu jagħmel *progress meeting* jekk jista' jkun kull ġimgħa u jinżammu l-minuti biex b'hekk x-xogħol jiġi mqabbel u anke l-varjanzi. Dawn il-minuti jiġu preżentati lill-Kunsill.

Il-Perit qal, li kien ser jipprepara *site book* fejn jiġi minuted il-progress li jkun sar kuljum.

F'dan l-istadju, ċ-*Chairman* talab il-konsiderazzjonijiet tal-kumitat.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li wara l-laqgħat li saru u rapport tal-Perit, il-kumitat kien qed jirrakkomanda lid-Ditta Polidano Bros Ltd. għall-prezz ta' €151,184.55 VAT inkluża.

Għalhekk, ċ-*Chairman* talab biex din ir-rakkomandazzjoni titressaq għall-vot.

Ir-riżultat tal-votazzjoni kien ħamsa favur li kienu ċ-*Chairman*, Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard u l-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri u Malcolm Camilleri u tnejn astjenew li kienu l-Kunsillieri Ian Micallef u Victor Rutter.

Meta l-Kunsillier Ian Micallef ġie mistoqsi x'kienet ir-raġuni li astjena, huwa wieġeb li ma kienx konvint minħabba li ċerti prezzijiet ma jikkonvinċuħx.

Il-Kunsillier Joe Camilleri staqsa, jekk il-Kunsillier Ian Micallef kienx qed jaħseb li jista' jkun hemm varjazzjoni fil-prezzijiet.

Il-Perit wieġeb li l-prezz kien dak li ġie sottomess jiġifieri €151,184.55 VAT inkluża.

Il-Viċi-Sindku qal, li dan kien ser ikun proġett sabiħ għall-Gżira u bħal kull kuntratt ieħor, jista' jagħti l-każ li x-xogħol jirrikjedi varjanzi.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu kien favur dan il-proġett iżda, kellu dubju u ma setgħax jikkommetti lilu nnifsu.

Għalhekk, id-ditta *Polidano Bros Ltd* ngħatat l-approvazzjoni għat-*tender* hawn fuq imsemmija b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Ir-riżultat tal-votazzjoni kien kif ġie mnizzel aktar 'l fuq jiġifieri ħamsa favur u tnejn astjenew.

Għalhekk, kellha tinħareġ il-*Letter of Acceptance*.

Il-Perit teleq fis-6.20 p.m.

**3. Korrispondenza kontinwazzjoni**

**3.7.** Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma li x-xogħol fuq il-latrina pubblika kien miexi u l-ispiża għas-saqaf tagħha bil-kontra bejt kienet ta' madwar €1,630.56 (Lm700).

Rigward l-*Activities Centre*, il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li kien sar it-tqiegħed ta' l-irħam.

**3.8.** B'referenza għall-att vandalu li l-Kunsillier Joe Camilleri ġarrab fuq il-vettura privata tiegħu in konnessjoni mal-qadi ta' dmiru bħala Kunsillier f'Novembru 2007 u b'referenza kemm għad-diskussjoni li dan il-Kunsill kellu ma' l-Onor Chris Said waqt il-laqgħa tiegħu ma' dan il-Kunsill fil-proċess tar-riforma f'Mejju li għadda fil-preżenza tad-Direttur tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali, s-Sur Natalino Attard kif ukoll, matul il-laqgħa li l-Kunsillier Joe Camilleri bħala *Chairman* tal-Kumitat Konġunt *Group H* ma' l-istess Direttur, dan ta' l-aħħar infurmah li biex id-deċiżjoni jekk il-Kunsillier hawn fuq imsemmi, huwiex intitolat għal xi rimborż, kellha tintbagħat ittra mill-Kunsill lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Għaldaqstant, iċ-*Chairman* xtaq iressaq din il-materja għad-diskussjoni u d-deċiżjoni tal-Kunsill.

Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li tintbagħat l-ittra lis-Sur Natalino Attard biex tintalab il-gwida tad-Dipartiment hawn fuq imsemmi, dwar il-mod ta' kif il-Kunsillier Joe Camilleri jista' jiġi rimburżat għad-danni li sofra.

**3.9.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 999 sa Nru. 1026 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet *invoice* ta' *Makaw Ironmongery & General Supplies – 2 Water heaters* għall-Kunsill għalll-ammont ta' €164.01 sabiex tiġi approvata mill-Kunsill.

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru: 999 sa Nru: 1026 inkluż ill-ħlas ta' €164.01 – *Makaw Ironmongery* ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

## 5. Mozzjoni – re konservazzjoni ta' l-enerġija u sabiex jitnaqqas il-konsum ta' l-elettriku

**5.1.** Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li kien ressaq din il-mozzjoni (ara *Appendix* Nru: 2) biex b'dan l-eżempju jkun hawn iżjed għarfien dwar ir-realta' tal-ħsara ambjentali fil-Komunita' Gżirjana. Huwa kompla jgħid, li *Energy Saving Day* ser tkun fit-13 ta' Frar 2009.

**5.2.** Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mal-mozzjoni hawn fuq imsemija li tressqet mill-Kunsillier Ian Micallef, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

Ir-riżultat tal-votazzjoni kien unanimu.

**5.3.** F'dan l-istadju, l-Kunsillier Joe Camilleri nforma, li d-dawl installat fl-*Activities Centre* kien kollu energy saving.

**5.4.** Il-Kunsillier Malcolm Camilleri telaq fis-6.30 p.m. minħabba mpenn ieħor.

## 6. Approvazzjoni tal-*Half Yearly Report* u t-*Trial Balance* t'Ottubru 2009

**6.1.** Matul id-diskussjoni li saret dwar is-suġġett hawn fuq sopraċitat (ara *Appendix* Nru: 3) u li kopja tiegħu ntbagħtet lil kull Kunsillier ma' l-Aġenda, intalbu xi kjarifiki dwar il-kontijiet li ntbagħtu mill-Perit tal-Kunsill għas-sena 2007 u dawk li għad iridu jintbagħtu għas-sena 2008 kif ukoll, ir-rata tal-Perit u jekk din kienitx tinkludi s-*site visits*.

Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jitlob laqgħa mal-Perit biex tiġi diskussa din il-materja.

Għalhekk, ġie deċiż unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li tintalab laqgħa mal-Perit u li għaliha jkun preżenti l-Viċi-Sindku bħala *Chairman* u membru minn kull partit politiku biex tiġi kjarifikata kif taħdem is-sistema.

Wara li saru dawn il-kjarifiki, kemm il-*Half Yearly Report* kif ukoll, t-*Trial Balance* t'Ottubru 2009, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

**7. Approvazzjoni tal-*Performance Bonus***

**7.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-*Performance Bonus* kemm tagħha kif ukoll, ta' l-impjegati Marion Monaco u Fabian Borg.

Wara diskussjoni qasira, l-*Performance Bonus* (6%) ta' l-impjegati hawn fuq imsemmija ġie rrakkomandat mis-Segretarju Eżekuttiv u ġie approvat mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef kif ukoll, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter li jingħata l-*Performance Bonus* (10%) lis-Segretarju Eżekuttiv.

**8. *Tender for the Upgrading Works at Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira* – Diskussjoni u Approvazzjoni**

**8.1.** Din il-materja ġiet diskussa wara *item* Nru. 3 aktar 'l fuq.

**9. Affarijiet Oħra**

**9.1.** Il-Kunsill qabel unanimament, li niktbu lill-Ministeru tal-Kultura sabiex il-Kunsill ikun jista' jikri palk biex jiġi nstallat minflok *Emmy's Kiosk* fix-Xatt għall-attivitajiet li jsiru fix-Xatt, fis-Sajf.

**9.2.** Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lid-ditta *Polidano Bros Ltd* dwar il-kwestjoni ta' ħlas pendenti għall-ħsarat kkawżati fi Triq Belvedere u Triq ix-Xatt waqt tqegħid ta' *cable* tad-dawl xi snin ilu liema ħsarat, kienu stimati madwar €2,911.72. u kien qed jiġi propost li dan l-ammont jitħallas *in kind* kif ġie diskuss mal-Perit Tonna.

## 10. Laqgħa Oħra

**10. 1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata jew għat-Tlieta 24 ta' Marzu jew għas-26 ta' Marzu 2009 fis-2.00 p.m.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K041/119/09**

**12 February 2009 KLG5/27**

| **R/Sheet No:** | **Description** | **Value €** | **Chq No:** |
|---|---|---|---|
| **999** | **The Toolbox Invoice Nos:8316-8327-8344 8348-8368** | **37.88** | **5825** |
| **1000** | **Stardelta inv. Nos:3993480/3993483/ 3993487** | **59.01** | **5826** |
| **1001** | **Environmental Landscapes Cons. Ltd Maint. Soft Areas January 2009** | **2212.92** | **5827** |
| **1002** | **Squire Bookshop invoice 6874 Newspapers January 2009** | **35.82** | **5828** |
| **1003** | **Steve R. Farrugia Sunday Street Sweeping January 2009** | **378.52** | **5829** |
| **1004** | **Steve R. Farrugia Street – Sweeping grass cutting m/sweeper January 2009** | **4627.28** | **5831** |
| **1005** | **Greenlines Environmental Services Ltd 2 mobile toilets at Gżira Gardens January 09** | **365.80** | **5832** |
| **1006** | **Alfa Co. Ltd invoice No: 50664 job Sheet No: 51792 – Service Labour copiers** | **49.48** | **5833** |
| **1007** | **GO p.l.c. invoice No: 21615337 tel No:341616 Calls January 09 Rent February 2009** | **24.92** | **5809** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1008 | GO p.l.c.Invoice No:21616166 tel No:322157 Calls January 09 Rent February 09 | 175.95 | 5810 |
| 1009 | GO p.l.c.Invoice No:21615326 tel No:334254 341034 Calls January 2009 Rent February 09 | 58.84 | 5811 |
| 1010 | Ms Nathalie Camilleri – Librarian January February 2009 | 240.37 | 5834 |
| 1011 | Cleansing Services Dept. Inv. 05 manuf. & replacing of 10 slabs at Triqix-Xatt as per request K021/12/09 | 708.00 | 5835 |
| 1012 | Grezzju Azzopardi invoice No: 16705 Flowers | 10.00 | 5836 |
| 1013 | Complete Supplies Ltd invoice 129669 stationery | 8.59 | 5837 |
| 1014 | Complete Supplies Ltd invoice 129671 Stationery | 5.97 | 5838 |
| 1015 | Steve's Engineering invoice 002419 | 11,682.00 | |
| | Approved payment of 50% - 29/01/09 | 5841.00 | 5775 |
| 1016 | Home & Industry Supplier Ltd. Invoice No: 2 Pickwick Bins | 450.00 | 5839 |
| 1017 | J.F. Mallia Ltd inv 91 Job No: 23 maint | 40.50 | 5840 |
| 1018 | J.F. Mallia Ltd inv 92 -Job No: 24 maint | 40.50 | 5841 |
| 1019 | Mr. Joe Borg invoice No: 98 Spejjeż papri February 2009 | 46.59 | 5842 |
| 1020 | Mr. Emanuel Mifsud invoice 2397671 Door to Door Collection –February 2009 | 5590.50 | 5843 |
| 1021 | Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397672 Hire of Skips –February 2009 | 432.87 | 5844 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1022** | **Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397673 Bulky Service for the month of January 2009 - = 138 Calls** | **755.41** | **5845** |
| **1023** | **Road Maintenance Services – Embellishment Housing Estate** | **14,554.28** | **5812** |
| **1024** | **Alfa Co. Ltd invoice No: 50825 copies + Rentals** | **112.09** | **5846** |
| **1025** | **Mita invoice No: SIN 021206 Maintenance and connectivity January to March 2009** | **477.58** | **5847** |
| **1026** | **C.S.D. invoice 25009 copy paper** | **15.46** | **5848** |